IL-BIRGU
Citta' Vittoriosa

# MINUTI

*It-Tmien Leġislatura*

## Laqgħa
## tal-Kunsill Lokali Birgu
## Numru 67

Il-Kunsill Lokali Birgu ltaqa' għal din il-laqgħa fil-ħamsa ta' waranofsinhar (5:00pm) nhar **l-Erbgħa 17 ta' Jannar 2024**.

**PREŻENTI:**

Is-Sur John Boxall – Sindku
Is-Sur Christopher Cassar – Viċi-Sindku
Is-Sur Jason Portelli – Kunsillier
Is-Sur Trevor Mizzi - Kunsillier

**SKUŻAT :**
Is-Sur Anton Gellel – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Christian Lawrence Raggio Vella – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku s-Sur John Boxall, qal it-talba u ppresedja l-laqgħa.

**67.1 Qari tal-ittri ta' Apoloġija**

67.1.1 Il-Kunsillier is-Sur Anton Gellel talab li jkun skużat minħabba raġunijiet ta' xogħol. Apoloġija approvata.

**67.2 Korrispondenza**

67.2.1 Preżentata korrispondenza mibgħuta mid-Direttur Ġenerali s-Sur Emile Vasssallo dwar il-ħin tal-ftuħ tal-uffiċini tal-kunsill nhar il-Ħamis 21 ta' Diċembru 2023. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li hu ma talab ebda permess għal xi eżentazzjoni mill-ftuħ tal-uffiċini. Is-Sindku kkonferma li anke huwa ma talabx permess.

67.2.2 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Mitja Bukovec dwar il-proġett RECup li l-kunsill lokali jinsab imsieħeb fih.

67.2.3 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Jais Zammit mill-portal Stradarjali rigward reklamar tal-lokalitajiet mill-kunsilli lokali. Is-Sindku qal li se jkun qed jiltaqgħa mas-Sinjura Zammit.

67.2.4 Preżentata korrispondenza mibgħuta mill-Kap tal-Iskola Primarja tal-Birgu fejn talab assistenza tal-kunsill lokali sabiex jiġi finanzjat trasport għall-istudenti għal proġett li qed tieħu sehem l-iskola u li dan se jkun ta' benefiċċju għall-istudenti. Il-kunsilliera kollha kienu approvaw din l-għajnuna meta kienu gew ikkuntatjati mill-uffiċini tal-kunsill.

67.2.5 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Alex Mizzi dwar proposta ta' mudell tat-Torri tal-Arloġġ tal-Pjazza sabiex inkluż fil-proġett ta' tisbieħ.

67.2.6 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Lorenzo Zahra f'isem is-Soċjetà Storiko-Kulturali dwar it-Torri tal-Arloġġ u l-iżvilupp tal-Pjazza. Is-Sindku qal li jkun tajjeb li ssir laqgħa mal-għaqda dwar dan is-suġġett. Il-kunsilliera qablu unanimament.

67.2.7 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Simon Farrugia, Segretarju tas-Soċjetà Mużikali San Lawrenz rigward l-informazzjoni tal-membri li kienet intalbet mill-kunsill sabiex tinġabar informazzjoni dwar iċ-ċitazzjonijiet u l-permessi speċjali tal-parkeġġ għall-membri tal-każini tal-baned. Is-Sindku fakkar

li ż-żewġ għaqdiet tal-banda kienu qed jitolbu li kull membru li ma joqgħodx il-Birgu, ikollu permess speċjali biex dawn ma jingħatawx kontravenzjonijiet mill-Gwardjani Lokali. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera qablu li jekk dan il-permess jingħata lil dawn iż-żewġ għaqdiet, tkun qed issir inġustizzja fuq il-membri tal-għaqdiet volontarji l-oħra fil-Birgu li għandhom l-istess problema. Apparti hekk, l-ewwel prijorità tingħata lir-residenti u għaldaqstant, jekk jinħarġu dawn il-permessi, ifisser nuqqas ta' parkeġġ għar-residenti. Għaldaqstant is-Sindku u l-kunsilliera preżenti qablu li ma jinħarġux permessi tal-parkeġġ speċjali kif kien mitlub.

67.2.8 Preżentata korrispondenza mibgħuta mill-Assoċjazzjoni tal-*European Network of Holy Week and Easter Celebrations* li l-kunsill jinsab imsieħeb fiha, sabiex titħallas il-*membership fee* 2024 għall-ammont ta' €500 (ħames mitt Ewro). Is-Sindku flimkien mal-Kunsilliera preżenti qablu unanimament li titħallas.

67.2.9 Preżentata kwotazzjoni għall-*lockers* għall-anzjani fil-Berġa tal-Ingilterra, liema *lockers* se jitħallsu mill-kunsill u jkunu rifonduti mill-Aġenzija għall-Anzjanità Attiva. Is-Sindku qal li l-aġenzija se tkun qed tinstalla wkoll *air-condition* fis-sala ta' fuq tal-berġa fejn qed isiru s-sessjonijiet nhar ta' Erbgħa. Il-kwotazzjoni ġiet approvata mis-Sindku u kunsilliera preżenti.

67.2.10 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Thomas Bugeja, resident fi Triq il-Lunzjata fejn għandu problema bil-meter tal-ilma tar-residenza tiegħu u li minħabba din il-problema trid tinqala' parti mit-triq. Is-Sur Bugeja qed jitlob għajnuna mill-kunsill sabiex tissolva din il-problema peress li t-triq hija pavimentata u taqa' taħt ir-responsabbilità tal-kunsill. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera qablu li l-kunsill jidħol għall-ispejjeż ta' dan ix-xogħol li jammonta għal ftit aktar minn €1000 (elf Ewro), l-importanti li x-xogħol kif suppost.

67.2.11 Preżentat il-ftehim il-ġdid bejn il-Kunsill Lokali tal-Birgu u d-Dipartiment tar-Restawr u l-Konservazzjoni għall-għajnuna finanzjarja sabiex jitranġaw il-ħsarat tad-dawl taż-zona tal-Collachio, binijiet storiċi, knejjes u monumenti, liema dwal kienu saru meta sar il-pavimentar il-ġdid.

67.2.12 Preżentat il-ftehim imġedded għad-devoluzzjoni tal-art ta' bejn il-kulleġġ ta' De La Salle u Blokka F Triq Peppi Vella, Fuq tal-Ħawli il-Birgu għall-ħames snin li ġejjin. Il-kera ta' din l-art ser tkun ta' €500 (ħames mitt Ewro) fis-sena. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera preżenti qablu li dan jiġi ffirmat mill-ġdid.

67.2.13 Preżentata korrispondenza mibgħuta mil-LESA għal proġetti fil-komunità 2024. Is-Sindku propona li titranġa kif suppost iż-żona tal-ħamrija u parkeġġ f'nofs Triq San Lawrenz u Triq iċ-Ċentinarju tal-Parroċċa. Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament.

67.2.14 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni l-*Performance Bonus* tal-ħaddiema klerikali u tas-Segretarju Eżekuttiv għas-sena 2023. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera preżenti approvawhom unanimament.

**67.3 Proġett tal-Pjazza tal-Birgu**

67.3.1 Is-Sindku fakkar lil kulħadd fil-laqgħa li se ssir mal-Awtorità tat-Turiżmu l-Ġimgħa 19 ta' Jannar 2024 fis-2:00pm dwar il-proġett tal-Pjazza sabiex dan ikun finalizzat u approvat min-naħa tal-kunsill ukoll filwaqt li jekk kien hemm xi affarijiet pendenti, jiġu diskussi u konklużi.

**67.4 Proġett ta' fuq ic-Cement Stores f'Couvre Porte**

67.4.1 Is-Sindku ressaq concept sketch u pjanti dwar proposta ta' żvilupp imressqa lilu fuq dawk li kienu s-Cement Stores f'Couvre Porte. Il-proġett jinkludi l-bini ta' padel court fuq is-saqaf u l-faċilitajiet kollha neċessarji li għandhom bżonn, inkluż landscaping tal-area. Is-Sindku qal li dan il-proġett propost, qed jitressaq quddiem il-kunsill lokali għall-kummenti tiegħu.

67.4.2 Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera preżenti ma qablux ma' dan il-proġett propost u joġġezzjonaw għal kwalunkwe proġett propost f'din iż-żona storika.

**67.6 Tagħrif fuq il-Kapitali Ewropea tal-Kultura 2031**

67.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qasam dak li ġie diskuss fl-aħħar laqgħa li saret mal-Valletta Cultural Agency fil-preżenza tas-Sindku, il-President tar-Reġjun Port u s-Segretarji Eżekuttivi rispettivi. F'din il-laqgħa ġie deċiż li jinbeda l-proċess ta' konsultazzjoni mal-partijiet kollha b'mod mhux uffiċjali sabiex tibda tinġabar l-informazzjoni għall-bid-book. Għaldaqstant, sakemm għadu għaddej il-proċess għat-twaqqif tal-Fondazzjoni 2031, se jkunu qed jiltaqgħu l-amministraturi kif ukoll is-Sur Peter Portelli u t-team tiegħu sabiex jingħata bidu għal dan il-proċess.

**67.7 Riġenerazzjoni taż-żona tal-Ex-Oil Tanking f'Sally Port**

67.7.1 Is-Sindku talab ideat sabiex iż-żona tal-Ex-Oil Tanking f'Sally Port jew aħjar it-Toqba tal-Birgu, tiġi riabilitata. Il-Kunsillier is-Sur Trevor Mizzi qal li l-proposta ta' parkeġġ tagħti serħan u spazju ta' parkeġġ għall-Birgu speċjalment meta jkun hawn xi attività. Il-Viċi-Sindku qal li ż-żona hija ideali biex isir teatru miftuħ, bis-swar imdawrin miegħu, liema tip ta' teatru ma tantx issib f'Malta filwaqt li hawn għatx għalih. Is-Sindku qal li ma jeskludi xejn u għaldaqstant se jkun qed imexxi dawn l-ideat sabiex iż=żona ma tibqax fl-istat li hi.

**67.8 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera u Komunikazzjoni mis-Sindku**

67.8.1 Is-Sindku ressaq ritratti ta' wieħed mill-bibien tal-Berġa tal-Ingilterra fis-sular t'isfel u wera l-ħsara li fih wara li dan il-bieb ingħata xi tisbita tajba. Għaldaqstant is-Sindku propona li dan il-bieb isir ġdid. Il-kunsilliera preżenti qablu li dan isir.

67.8.2 Is-Sindku propona li fl-uffiċċju ta' qabel il-*Board Room*, tinħadem gwardarobba sabiex fiha jinġabru diversi affarijiet, xorb, tvalji u ħwejjeġ oħra tal-kunsill u b'hekk jinġabar kollox u jkun kollox organizzat. Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament li din il-gwardarobba ssir.

67.8.3 Is-Sindku qal li għal darb oħra se ssir il-wirja tal-Ġimgħa l-Kbira fil-Foss tal-Birgu mis-Sur Clive Busuttil bil-koperazzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Birgu. Din is-sena s-Sur Busuttil se jkun qed jaħdem xena ġdida ta' Kristu jiġi mlibbes il-kuruna tax-xewk minn suldat Ruman. Is-Sindku propona li l-kunsill lokali jgħin finanzjarjament mid-donazzjonijiet miġbura sabiex issir l-istatwa tas-suldat Ruman. L-ispiża hija ta' €1500 (elf u ħames mitt Ewro). Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament.

67.8.4 Is-Sindku fakkar li mill-Fondi tad-Development Planning Funds allokati lill-Kunsill Lokali tal-Birgu, se jinħarġu madwar €20,000 (għoxrin elf Ewro) sabiex tkopri l-ispiża tar-restawr tal-faċċata ta' binja li hija tal-Kumitat Festi Esterni San Duminku, dan sabiex tingħaqad mal-fondi li ser jingħataw mill-istess fond iżda allokat għall-għaqdiet. Il-kunsilliera preżenti kkonfermaw li jaqblu ma' din il-proposta li kienet imressqa fil-laqgħa preċedenti tal-kunsill.

**67.9 Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti**

67.9.1 Is-Sindku, s-Sur John Boxall ressaq għall-approvazzjoni **l-Iskeda tal-Pagamenti Numru 61** li tkopri ċ-ċekkijiet bin-numru, **BOV 6462 sa BOV6465** flimkien ma' ħlasijiet oħra li saru permezz ta' ***Bank Transfer***. Il-Kunsilliera preżenti approvaw b'mod unanimu l-iskedi preżentati.

**67.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

67.10.1 Il-laqgħa ntemmet fit-tmienja ta` filghaxija (8:00pm). Id-data għal-laqgħa li jmiss ser tkun komunikata aktar 'il quddiem iżda se ssir fit-tieni ġimgħa ta' Frar 2024.

Konfermati llum: **7 ta' Frar 2024**

John Boxall
**Sindku**

Christian Lawrence Raggio Vella
**Segretarju Eżekuttiv**